MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru 788/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**Vs**

**Albert Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Albert Scerri ta’ 33 il-sena imwieled Attard fil-25 ta’ Frar 1970, bin Juda Taddeo u Angela xebba Risiott u joqghod Flat numru 10 Binja Hamirija Triq Hamrija Naxxar u bin-numru ta’ l-identita 110870M.

Billi huwa akkuzat talli fit-3 ta’ Awissu 2003 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta’ taghrif flaz, billi wahhal set ta number plates foloz (CBC551) fuq vettura tal-ghamla skoda (li kienet skrapjata), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta’ number plates foloz (CBC551), fuq vettura ohra tal-ghamla Skoda (numri tar-registrazjoni skrappjati), ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti ta’ 1994 Dwar il-vetturi bil-mutur (AL128/1994) u tal-Artikoli 15 (1b) u 18 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura Skoda bi pjanci foloz (numri tar-registrazzjoni skrappjati) meta din il-vettura ma kienetx koperta b’licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mil-Awtorita dwar it-transport ta’ Malta u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni.

Talli huwa ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku li kellu id-dmir li jissorvelja biex ir-reat ma jsirx minhabba il-kariga tieghu ta’ suldat mal-Forzi Armati ta’ Malta u li huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjenni licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tordna il-konfiska tal-vettura ta’ l-ghamla skoda.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SG3 u nnutat li l-imputat Albert Scerri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nicolai Sant iddikjara li l-Prosekuzzjoni qieghda tirtira l-ewwel akkuza u t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 189 u 141 tal-Kap. 9, ir-Regolamenti 17 u 31 tal-A.L. 128/1994 u l-artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Albert Scerri, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza u tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali netta tal-imputat, tillibera lill-imputat Albert Scerri taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward l-ewwel akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Albert Scerri dawn l-akkuzi gew irtirati mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Albert Scerri milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tmien (8) tijiem millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-vettura Skoda 120L ta’ kulur beige esebita formalment bhala Dok SG6.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Albert Scerri sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ mitejn u sitta u hamsin Euro u tletin centezmi ta’ Euro (Euro 256.30) rapresentanti spejjes inkorsi f’din il-kawza bin-nomina tal-Perit Tekniku Joseph Zammit.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Albert Scerri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------